MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2012

Numru. 1080/2011

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ryan Debattistia detentur tal-Karta tal-Identita` numru 73791 (M) u l-imsemmi Steve Galea detentur tal-Karta tal-Identita` numru 368692 (M).

**Akkuzati talli:**

1. Nhar it-3 ta` Settembru 2011 ghal habta tas-13:45pm, gewwa l-club tal-bocci gewwa Hal-Qormi, minghajr hsieb li joqtlu, jew li jqieghdu il-hajja ta` Brian Grech f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha jew li ggibilha disordni fil-mohh jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz kif iccertifikaw Dr. Grech u l-isptar Mater Dei, bi

ksur tal-Artikoli 214, 216, 218 (1) (a) / (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi volontarjament hasru jew gharqu hwejjeg haddiehor, billi ghamlu hsara ghad-dannu ta` liema hsara tiskorri il- €116.47 izda mhux l- €1,164.69 bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Akkuzati ukoll talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` 214, 216, 218 (1) (a) / (b), 325 (b) u 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti barra li hadet konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputati kif ukoll il-mahfra tal-parte civile u wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet ma ghandix alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni dedotti kontra taghhom.

Il-Qorti temmen illi probation order mhux bizzejjed sabiex tghallem lill-imputati r-rispett li bniedem ghandu jghati lill-iehor. Temmen illi ghandhom ikollhom piena illi ghal xi zmien sejjer irazzan ir-relazzjonijiet taghhom ma terzi b’mod kawtelatorju u mahsub.

Ghal dawn il-motivi filwaqt illi din il-Qorti qed tikkundanhom ghal terminu ta` prigunerija ta` sena, tordna illi dan il-perjodu ma jibdiex is-sehh sakemm fiz-zmien sentejn (2) mil-llum huma ma jikkommettux reat iehor li ghalih hemm terminu ta` prigunerija u dan a tenur tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------